SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003
Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 3 | STORJA | ĦIN: siegħa u nofs |
|---|---|---|

Name: ________________________ Class: ___________________

## A: Immarka t-tajbin:

1. Il-Kavallieri ta' San Ġwann waslu Malta fl-1530. Fl-(1565, 1570, 1590), bil-għajnuna tal-Maltin u ta' Sqallija, ma ħallewx armata kbira Torka tirbaħ il-Gżejjer Maltin.
2. Il-Belt Valletta bdiet tinbena (sena, seba' snin, għaxar snin) wara l-Assedju l-Kbir.
3. It-tmexxija tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienet f' idejn il- (President, Prim Ministru, Granmastru).
4. Bosta bini fil-Belt Valletta ġie rranġat fuq stil (Barokk, Doriku, Korint).
5. Il-pjanti għall-Belt Valletta saru minn (Lapparelli, Cassar, Wignacourt) filwaqt li Ġlormu Cassar għamel il-pjanti tal-bereġ li hemm fil-Belt.
6. It-triq prinċipali tal-Belt fi żmien il-Kavallieri kien jisimha (Strada S Giorgio, Strada Principale, Strada Reale).
7. Kull Lingwa tal-Kavallieri kellha palazz għaliha. Dawn il-palazzi kienu jissejħu (vilel, bereġ, semi-detached).
8. Fi żmien il-Granmastru Manoel de Vilhena ssebbħet il-Furjana, u nbena (l-akwedott, t-teatru Manoel, l-palazz) għad-divertiment tal-Kavallieri u l-Maltin.
9. F'Għawdex il-Kavallieri bnew il-forti (Chambray, Tigne`, Manoel) biex jiddefendu l-gżira t' Għawdex.
10. Il-Kavallieri u l-Maltin ħadu sehem fuq il-baħar fil-battalja ta' (Lepanto, Kreta, Messina) fejn xwieni Nsara għelbu flotta Torka.

(10 marki)

## B: Qabbel: (ikteb numru fil-kaxxi l-vojta)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Pinto | | bena sensiela ta' torrijiet ta' l-għassa |
| 2 | La Valette | | bena l-akwedott |
| 3 | Del Monte | | Granmastru fi żmien l-Assedju l-Kbir |
| 4 | La Cassiere | | Fetaħ it-tielet bieb tal-Belt |
| 5 | Wignacourt | | Ħallas minn butu l-bini tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann |
| 6 | De Redin | | fi żmienu ġrat il-konfoffa ta' l-ilsiera |

(6 marki)

**C:** **Imla l-vojt bil-kliem mogħti**:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *qawwija* | *qalfat* | *l-Imdina* | *slaleb* | *mibnija* |
| *Mondion* | *qassisin* | *sqaqien* | *inqatlu* | *Fidi Nisranija* |

1. Is-swar tal-Belt Valletta huma __________________ ħafna għax huma maqtugħin fil-blat u mhux __________________________ .
2. Fi żmien il-Granmastru Manoel de Vilhena ____________________ ġiet irranġata u kważi mibnija mill-ġdid. Il-perit Franċiż ______________________ ħa ħsieb din il-biċċa xogħol.
3. Fost l-impiegi tal-Maltin marbuta ma' l-Ordni tal-kavallieri ta' San Ġwann insibu dak tal- ________________________ li kien jimla x-xquq bejn l-injam tax-xwieni.
4. Fi żmien il-Granmastru Ximenes, xi ________________________ irvellaw kontra l-Kavallieri. Huma ħasbu li l-poplu kien se jgħinhom imma dan ma seħħx u ħafna minn dawk li ħadu sehem fil-konfoffa ______________________ jew ħadu pieni ħorox.
5. Fi żmien il-Granmastru La Cassiere daħlet f'Malta l-Inkwiżizzjoni. Din daħlet biex tħares il- ______________________________ mit-tagħlim żbaljat.
6. Fl-irħula antiki Maltin insibu diversi niċeċ u ______________________; f'dawn l-irħula nsibu bosta toroq dojoq u _____________________________ .

(10 marki)

**D:** **Imla dal-kliem li ġej fil-kaxxi**:

Monte di Pieta`, Kastellanija, Biblijoteka, Knisja tal-Vitorja,
Sacra Infermeria, Universita`, sibi.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-qorti fi żmien il-Kavallieri | |
| 2 | Ġabra ta' kotba u dokumenti importanti | |
| 3 | Bank minn fejn il-foqra setgħu jissellfu flus bla ma jħallsu imgħax | |
| 4 | L-isptar prinċipali fi żmien l-Ordni | |
| 5 | Serq minn fuq il-baħar mill-pirati | |
| 6 | iġġib il-qamħ minn Sqallija | |
| 7 | l-ewwel bini fil-Belt Valletta | |

(7 marki)

**E:** **<u>Ħares lejn il-mappa u wieġeb</u>:**




**<u>MISTOQSIJIET</u>:**

1. Il-Port il-Kbir huwa mmarkat bin-numru ___________ filwaqt li Marsamxett għandu n-Numru _____________ .

2. Fin-numru 3 hemm l-eqdem fortifikazzjoni ta' madwar il-portijiet. Liema hi? ___________________________________

3. Il-Belt Valletta nbniet fuq l-għolja mmarkata bin-numru 5. Kif inhi magħrufa din l-għolja? _____________________________________

4. Bormla, l-Isla u l-Birgu ġew magħluqa b'sensiela ta' swar immarkati bin-numru 6. Kif inhuma magħrufa dawn il-fortifikazzjonijiet? _____________________________________________

5. Fil-ponta tal-peniżola li fuqha nbniet il-Belt (Numru 4) il-Kavallieri bnew il-forti _______________________________________ .

6. Fuq il-gżira immarkata bin-numru 7, il-Kavallieri bnew il-forti ___________________________ biex iħares il-Belt Valletta min-naħa ta' Marsamxett.

7. Fuq il-peniżola bin-numru 8 nsibu l-belt ta' l- ________________ u l-forti S Mikiel.

8. Fin-numru 9 nsibu l-forti (Tigne`, Delimara, Tas-Silġ) filwaqt li fejn hemm in-numru 10 nsibu (Ricasoli, Cambray, Wignacourt).

(10 marki)

## F: <u>Aqra sew dan li ġej imbagħad wieġeb</u>:



Il-Knisja Konventwali mibnija mill-Kavallieri fil-Belt Valletta

Fost l-opri importanti li ħallewlna l-Kavallieri ta' San Ġwann fil-Belt, insibu l-Knisja Konventwali iddedikata lil San Ġwann. Hija knisja mill-isbaħ mimlija teżori kbar ta' l-arti. Bosta Granmastri nefqu flejjes kbar biex jaraw li l-Knisja Prinċipali ta' l-Ordni ma tkun nieqsa minn xejn, anzi tkun mimlija b'teżori kbar ta' l-arti. Jekk xi darba żżur din il-knisja qis li tara l-pittura tas-saqaf, il-kwadru titulari, il-paviment ta' l-irħam, il-kripta, il-kappella iddedikata lill-Madonna ta' Filermo.

Maġenb il-knisja, il-Kavallieri bnew l-Oratorju fejn illum insibu pittura magħrufa mad-dinja kollha. Jekk tmur San Ġwann qis li żżur ukoll il-Mużew fejn tara l-arazzi (*tapestries*) li nħadmu fi żmien il-Granmastru Perellos.

Dan il-wirt kollu irid flejjes kbar biex nieħdu ħsiebu. Meta nieħdu ħsiebu nkunu qed **<u>nippreservawh</u>**. Meta xi opra teqdiem, tinbarax jew issirilha xi ħsara, ikollna bżonn **<u>nirrestawrawha</u>**. Dan kollu jiswa ħafna flus.

Irridu niftakru li l-Konkatidral ta' San Ġwann u l-opri ta' l-arti li fih, jiġbdu lejn Malta kwantita` kbira ta' turisti. Bosta Maltin jaqilgħu x' jieklu mit-turiżmu. Meta jiġu Malta it-turisti jonfqu ħafna flus hawn. Mela nistgħu ngħidu li l-**KONKATIDRAL TA' SAN ĠWANN** illum sar importanti għall-ekonomija Maltija.

**<u>WIEĠEB</u>**:

1. Min hu l-qaddis protettur ta' l-Ordni tal-Kavallieri? _________ (1)

2. Liema perit għamel il-pjanti tal-knisja ta' San Ġwann? ____________ (1)

3. Il-knisja konventwali ta' San Ġwann inbniet (fis-16, fis-17, fit-18) -il Seklu. (1)

4. Tnejn minn dawn il-Granmastri nefqu flus fuq opri li hemm San Ġwann. Ikteb isimhom fil-vojt:
   *La Sengle, Cotoner, Perellos, La Valette, L'Isle Adam.*

   (a) ________________________ (b) ____________________________ (2)

5. Min kien il-pittur li għamel il-pittura tas-saqaf? ____________________ (1)

6. (a) X'pittura famuża hemm fl-Oratorju ta' maġenb San Ġwann?
   ______________________________________________________ (1)
   (b) Min pittirha? ________________________________________ (1)

7. Semmi kif nistgħu nieħdu ħsieb (*nippreservaw*)
   (a) il-paviment ta' l-irħam: ___________________________________ (2)
   (b) il-bini minn barra: _______________________________________ (2)

8. Agħti raġuni għaliex San Ġwann hu importanti għall-ekonomija Maltija:
   _________________________________________________________ (2)

9. Illum San Ġwann għalfejn jintuża? (Immarka l-**ħamsa** tajbin biss)
   (a) Fih jitqaddes il-quddies kuljum ________
   (b) Fejn jiltaqa' l-Kunsill Lokali tal-Belt ________
   (c) Fih issir quddiesa meta niċċelebraw xi Jum Nazzjonali ________
   (d) Fih isiru kunċerti mużikali ________
   (e) Jiltaqa' l-Parlament ________
   (f) Fih norganizzaw żjajjar għat-tfal ta' l-iskola ________
   (g) Isiru l-eżamijiet tal-Matsec ________
   (h) Iżuruh bosta turisti ________(5)

10. Wieġeb billi tikteb **VERU** jew **FALZ**:
   (a) Minn barra, San Ġwann jidher qisu fortizza __________
   (b) Minn ġewwa San Ġwann imżejjen fuq stil Barokk. __________
   (c) Kull lingwa ta' l-Ordni kellha kappella żgħira tagħha f' San Ġwann. __________
   (d) Il-lingwa Amerikana kellha l-Kappella ta' Sant' Antnin f' San Ġwann. __________
   (e) Opra famuża f' San Ġwann hu l-kor maħdum mill-ġewż. __________
   (f) Il-Granmastru La Valette midfun fil-kripta ta' S Gwann. __________
   (g) Fuq il-bieb ewlieni nsibu 3 armi, ta' La Cassiere, tal-Papa u ta' l-Ordni. __________

   (7 marki)

(Total Ex F = 26 marka)

**G**: **Wieġeb**:

1. Semmi 2 (żewġ) bereġ tal-Kavallieri li nsibu fil-Belt Valletta.

   (a) ________________________ (b) ________________________ (2)

2. Għaliex wara l-1693 inbena mill-ġdid il-Katidral ta' l-Imdina?

   ______________________________________________________ (2)

3. F'liema festa l-Kavallieri kienu jilbsu l-maskri u jattendu l-ballijiet?

   _______________________________________ (1)

4. Meta kien ikollhom bżonn iħabbru xi liġi ġdida, il-Kavallieri kif kienu jagħmlu dan?

   ________________________________________________________(1)

5. Fi żmien il-Kavallieri, f'Malta wieħed seta' jiġi akkużat fi 3 qrati. Semmi **tnejn** (2) minnhom:
   (a) _________________________(b)___________________________(2)

6. Il-Kavallieri ġew Malta fl-1530. Minn dawn l-għaxar bliet/irħula, ĦAMSA kienu ġa jeżistu. Iktibhom fil-ħames kaxxi vojta:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Rabat,* | *Santa Luċija,* | *Swieqi,* | *Mdina,* | *Birgu,* |
| *Siġġiewi,* | *Valletta,* | *Floriana,* | *Sliema,* | *Ħal Millieri* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

(5)

7. (a) Min kien il-mexxej tal-Franċiżi li keċċa lill-Kavallieri minn Malta fl-1798? _______________________________________
   (b) X'għamlu l-Maltin wara 3 xhur biss ta' ħakma Franċiża? ________________________________________________________________
   (c) Min ħakem fuq Malta wara l-Franċiżi? ______________________ (3)

(16-il marka)

**H**: **<u>Agħżel wieħed u ikteb dwar is-suġġett li għażilt</u>**: (15-il marka)

in-noti qegħdin hemm biex jgħinuk. Agħti kashom.

- **<u>IL-MANDRAĠĠ</u>**: X'kien l-iskop tiegħu? X'diffikultajiet sabu l-Kavallieri meta bdew iħaffruh? X'sar minnu llum?

- **<u>IL-FORTIFIKAZZJONIJIET LI ĦALLEWLNA L-KAVALLIERI</u>**: semmi mill-inqas tlieta (3) minn dawn il-fortifikazzjonijiet. Ikteb xi ħaġa dwar kull waħda minnhom. Għid f'liema stat ta' preservazzjoni jinsabu u kif jista' jsir użu minnhom illum. Kif nistgħu nibżgħu għalihom aħjar?

- **<u>FEJN KIENU JSIBU JAĦDMU L-MALTIN MAL-KAVALLIERI</u>**: semmi mill-inqas tliet (3) xogħlijiet li kienu jsibu jagħmlu. Ikteb xi ħaġa fuq kull wieħed minn dax-xogħlijiet.